MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 147/2012

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fis-sebgha (7) ta' Awissu tas-sena elfejn u hdax (2011) f'Malta u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok. A;

2. Peress illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

3. Peress illi meta kienu gharajjes l-partijiet kienu jitkellmu fuq ix-xewqa li jkollhom it-tfal izda ftit xhur qabel iz-zwieg l-konvenut informa lill-attrici li huma li jizzewwigha bil-kondizzjoni li ma jkollhomx tfal ;

4. Peress li meta l-partijiet izzewgu l-konvenut ma kienx igib ruhu ta' ragel mizzewweg tant li fil-hajja tieghu l-ewwel tigi bintu li kellu minn l-ewwel zwieg li kien gie sussegwentement annullat, u imbaghad tigi ommu u wara jekk jibqa tigi martu l-attrici; bizzejjed jinghad li anke fil-honeymoon ad insaputa taghha l-konvenut irranga biex titla maghhom l-istess bintu li kellu minn l-ewwel zwieg liema zwieg kien gie annullat;

5. Peress illi li kemm damu mizzewgin il-konvenut baqa` jinsisti li ma jridx tfal u qatt ma ghamlu l-att sabiex ikollhom it-tfal;

6. Peress li l-partijiet huma separati de facto u wara li l-konvenut refa jdejh fuq martu, martu l-attrici ma kellhiex triq ohra ghajr li titlaq mid-dar matrimonjali u li minn dakinhar li telqet zewgha l-konvenut ma ghamel ebda kuntatt mal-attrici;

7. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwetqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

8. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghal att taz-zwieg;

9. Peress li l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Awissu 2011 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent jaccetta bhala minnu illi huwa kien ghamel kondizzjoni lill-attrici martu, minn qabel iz-zwieg taghhom, illi miz-zwieg taghhom huwa ma riedx tfal. L-attrici martu accettat din il-kondizzjoni u z-zwieg tal-kontendenti gie eventwalment kontrattat bl-intendiment illi din il-kondizzjoni tigi mharsa. Dan huwa fatwalment korrett u l-eccipjent qieghed pero` jirrimetti ruhhu ghal gudizzju ta' din l-Qorti dwar jekk dawn il-fatti ghandhomx jaghtu lok ghall-annullament taz-zwieg.

2. Illi allegazzjonijiet l-ohra kollha maghmula mill-attrici fir-rikors promotur u sostnut minnha fl-affidavit taghha, huma inveritjeri u fil-fehma umili tal-eccipjent anke kieku kien minnhom ma kienux iwasslu ghal akoljiment tat-talba attrici.

3. Illi l-eccipjent ma ghandux ghalfejn ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat is-7 ta' Awwissu 2011 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(c), 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

**Il-verzjoni tal-attrici**

L-attrici tghid li ltaqghet mal-intimat fuq il-post tax-xoghol, precizament f'Dipartiment tal-Gvern fejn hu kien id-direttur u hi s-segretarju tieghu. Bejniethom kien hemm diskrepanza ta' erbgha u ghoxrin (24) sena ghaliex filwaqt li l-attrici kellha erbgha u ghoxrin (24) sena, l-intimat kellu tmienja u erbghin (48) sena. Tghid li r-relazzjoni taghhom nibtet wara li hassar l-gherusija li kellu ma' tfajla ohra. Ghall-bidu kollox kien sejjer tajjeb bejniethom tant li l-attrici tghid li ma kien jonqosha xejn u li kienet thossha fortunata li qieghda f'din ir-relazzjoni mal-intimat.

Sussegwentement, habta u sabta inqalghu problemi fuq ix-xoghol tant li l-intimat kellu jirrezenja mill-posizzjoni tieghu bhala direttur u naturalment ix-xoghol tal-attrici bhala s-segretarja tieghu xejn ma kien stabbli. Pero' minkejja dan, hi baqghet ta' sapport u ta' sostenn ghalih tant li meta offrewlha posizzjoni ahjar, m'accettatx b'rispett lejh peress li l-offerta waslet minghand dawk l-istess persuni li kienu wegghuh.

Tghid li f'okkazjoni partikolari, meta kienet ghadha kif infurmat lill-intimat bid-decizjoni taghha li ma taccettax il-*promotion* b'rispett lejh, ratu jmelles idejn habiba tieghu fil-prezenza taghha stess u waqt li din l-istess habiba kienet fil-kumpanija ta' haddiehor. Meta kkonfrontatu fuqha, r-risposta li hadet kienet 'mela inti kont qed thares lejna'? Dan kien mument fejn hassitha mwegga' izda xorta wahda ddecidiet li tahfirlu.

Ir-relazzjoni taghhom kompliet tant li kienu jitkellmu fuq il-futur taghhom u l-possibilita' li jkollhom l-ulied sakemm

darba fost l-ohrajn hasadha meta qalilha li ma riedx aktar tfal (peress li hu diga' kellu tifla ohra mill-ewwel zwieg li gie annullat). Din id-decizjoni kienet xokkanti ghall-attrici li dak iz-zmien kellha biss sebgha u ghoxrin (27) sena, specjalment ghaliex min-naha taghha riedet li jkollha l-ulied. Minkejja din ix-xewqa, l-attrici ddecidiet li tibqa' mieghu ghaliex kienet thobbu. Hija ittamat li jbiddel fehmtu ghaliex qabel ma stqarr maghha din l-intenzjoni li ma jridx li jkollhom tfal, kien tkellem maghha fuq din il-possibilita' u kien hemm zmien fejn din kienet ix-xewqa tat-tnejn.

Il-partijiet sabu post li joghgobhom u ddecidew li jizzewgu f'Awwissu minkejja li l-attrici kellha l-ezamijiet f'Gunju tal-istess sena.

L-attrici skopriet ukoll li ghall-honeymoon taghhom, kienet sejra maghhom it-tifla tal-konvenut. Ghalkemm ma gergritx, din ma kienitx haga li nizzlet tajjeb mal-attrici, specjalment meta skopriet li d-destinazzjoni kienet Londra, l-post fejn ma riditx tmur u fejn precizament riedet tmur bintu. Il-*honeymoon* kien disastru ghall-attrici u kien karatterizzat minn dak kollu li trid it-tifla u minn argumenti shah bejn il-partijiet.

Meta mbaghad gew lura u bdew jghixu ta' koppja mizzewga, ghalkemm l-attrici tghid li ghall-bidu kienu ghaddejjin mhux hazin, l-intimat mill-ewwel beda juriha li l-ewwel tigi t-tifla, imbaghad ommu u mbaghad hi. Issemmi l-ezempju tal-*bundle* tal-mobile fejn il-konvenut ipprefera li jkollu zewg *mobiles* milli jghid lil ommu li kien ser ipoggi lil martu f'dan il-*bundle*.

L-intimat baqa' determinat li ma jkollhomx tfal, tant li l-attrici spiccat gabet kelb izda dan tal-ahhar, apparti li kien sors ta' inkwiet bejniethom, ma seta' qatt ikun ta' sostitut ghat-tfal li xtaqet l-attrici, minkejja li l-intimat kien jinsinwa hekk. Tbiddel ukoll id-diskors fuq id-dar u l-ghamara u l-ftehim li kien hemm dwarhom qabel iz-zwieg sfaxxa wkoll ghaliex l-intimat kien biddel fehmtu.

Tghid li apparti x-xirja li kienu jaghmlu flimkien mill-*joint account,* il-partijiet kienu jghixu ghal rashom u jaghmlu

kollox daqs li kieku kienu ghadhom gharajjes. Tghid li meta darba marru l-bank flimkien, skopriet li l-intimat kellu *standing order* dirett ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar ghall-kont bankarju f'isem bintu. Lanqas dwar dan ma kien kellimha l-intimat. L-attrici tirrakkonta wkoll kif l-intimat kien agressiv maghha tant li kien vjolenti u refa' jdejh fuqha izda accettat li tkompli mieghu. Kien f'dan iz-zmien li l-attrici riedet tmur ghand *family therapist* izda l-partijiet marru biss ghal sessjoni wahda.

L-attrici taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li damet tghix fid-dar matrimonjali ghal disa' xhur biss meta fl-ahhar iddecidiet li titlaq. L-intimat ma ghamel xejn, la kkomunika maghha u lanqas staqsa ghalfejn telqet. Ghandha suspetti li ghandu tendenzi omossesswali u ghadha tistaqsi lilha nnifisha ghaliex zzewwigha meta ma kienx lest li jghix hajja mizzewga.

**<u>Il-verzjoni tal-intimat</u>**

Illi l-intimat jaghmilha cara, anke mir-risposta guramentata tieghu, li huwa minnu li qabel iz-zwieg kien hemm kondizzjoni fis-sens li l-partijiet ma jkollhomx tfal. Jghid li din kienet kondizzjoni li l-attrici qablet maghha u li z-zewg partijiet kellhom l-intendiment li jsegwuha u dan ghaliex kienu fehmu li ragel tal-eta' tal-intimat ma kienx ta' eta' li jerga' jibda jrabbi. Dan kien punt li kien gie accettat mill-attrici. Jghid li l-allegazzjoni li pogga lil bintu u lil ommu qabel martu hija totalment inveritiera anzi jzid jghid li dawn ir-relazzjonijiet huma totalment normali u li kienet l-attrici stess li qatghet qalbha milli tibni rapport tajjeb ma' bintu.

L-intimat jghid li ftit qabel iz-zwieg bdew ifeggu l-problemi peress li l-attrici bdiet tistaqsih hafna affarijiet u riedet tkun taf fejn ikun b'tali mod li hass li riedet tiehu kontroll fuq hajtu tant li jghid li riedet taljenah anke minn shabu. Kienet saret tbati bil-burdati u ma kienitx kuntenta fuq ix-xoghol u hu haseb li kollox kien gej minhabba l-istudji taghha.

Jghid li zzewwigha ghax ra fiha tfajla li ghalkemm kienet zghira fl-eta', kienet matura, affidabbli, kienet ta' sapport kbir ghalih u kienet tiflah tikkumbatti fi zminijiet difficli ta'

*stress*. Il-kumpanija taghha kienet toghgbu tant li jghid li "***I felt extremely close to her***"[1] pero' jiddiskrivi z-zmien taz-zwieg taghhom bhala zmien fejn kien "***under constant psychological pressure due to the aggressive behaviour from my wife's part***"[2]. Barra minn hekk jghid li l-attrici baqghet issemmi l-kwistjoni tat-tfal, minkejja li kienet taf qabel iz-zwieg li ma kellux intenzjoni li jkollu tfal u minkejja li kien hu stess li qalilha li kien jixraqilha lil xi hadd li ried it-tfal. Kienet hi li accettat din is-sitwazzjoni ghaliex thobbu. Baqghet issemmi l-kwistjoni li kienet opportunita' tajba fil-Ministeru biex turi sapport lilu u kienet tkun ukoll verbalment abbusiva. Il-komunikazzjoni ta' bejniethom bghatiet immens ukoll ghaliex l-intimat jghid li l-attrici adottat *approach* ta' Dr. Jekyll u Mr. Hyde.

L-intimat ihoss li l-attrici laghbitu fis-sens li laghbitha tal-persuna li taf toffri sapport, taf thobb u taf tifhem imma nbidlet kompletament meta rrealizzat li ma setax jaccetta li jaghtiha kull ma xtaqet. Ghalih l-attrici ma kienitx verament interessata milli tibni relazzjoni ta' mhabba (anke ghaliex jahseb li hi aktar kienet infatwata lejh milli kienet verament thobbu) u bhala konsegwenza, l-partijiet bdew jitbieghdu minn xulxin. Ihoss li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null ghaliex l-attrici hija estremament possessiva (tant li spicca lanqas imur izur lill-genituri tieghu), kellha hafna suspetti, aggressiva, wriet attitudni irrazzjonali u ma kienx hemm intimita' bejniethom.

## Il-Mertu tal-Kaz odjern

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar is-7 ta' Awwissu 2011 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process.

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta' Michael Angelo Darmanin[3] fejn jikkonferma uhud mill-affarijiet li ssemmi l-attrici, fosthom il-fatt li hu u martu qatt ma kienu ltaqghu mal-genituri tal-intimat u li t-tifla ta' Chris kienet sejra fuq il-*honeymoon* maghhom. Ghalkemm dawn kienu affarijiet li dehru mhux tas-soltu, x-xhud jghid li zamm halqu sieket.

[1] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 49 tal-process
[2] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 49 tal-process
[3] Ara l-affidavit tieghu esebit a fol 29 tal-process

Jghid li meta rritornaw lura mill-*honeymoon* bintu stqarret li ma kienx il-*honeymoon* li kienet qed tistenna u wara beda jinnota wkoll li bintu ma kienitx kuntenta u wahda mir-ragunijiet ghaliex ma kienitx kuntenta kien proprju minhabba l-fatt li l-intimat ma riedx tfal. Ix-xhud jikkonferma wkoll l-istorja dwar meta l-intimat qabad u ssellef il-flus minghajr ma kienet taf minn fejn kienu gejjin kif jikkonferma wkoll l-episodju meta l-intimat carrat il-*handbag* tal-istess attrici ghax rah b'ghajnejh stess. Jikkonferma li ma felahx jara lil bintu f'dak l-istat u li kien ghenha biex titlaq mid-dar matrimonjali, anke minhabba l-agressivita' li wera l-intimat.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xhieda ta' Maria Dolores Darmanin, oht l-attrici, fejn fost affarijiet ohra tghid li qabel iz-zwieg kien hemm okkazjoni fejn l-intimat hareg ma' tfajla ohra minn wara dahar l-attrici. Meta din tal-ahhar skopriet, accettat li temmen il-verzjoni tieghu u cioe' li kienet habiba biss u li ma kienx uriha b'din il-laqgha biex ma jweggaghiex u kienet emmnitu. Tikkonferma episodji u avvenimenti li ssemmi kemm l-attrici kif ukoll missierhom, fosthom il-kwistjoni tal-*honeymoon*, il-fatt li kien issellef il-flus minghajr ma kienet taf, il-fatt li ma riedx tfal, il-vjolenza li kkommetta fuq l-attrici u l-fatt li l-ġenituri qatt ma kienu ltaqghu qabel iz-zwieg u fuq kollox tikkonferma li dan iz-zwieg dam biss disa' xhur.

Illi dwar Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor** fejn gie dikjarat li "***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***". Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine** gie sostnut ukoll li "***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq***

***dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Il-Qorti tirrileva li dwar dan l-Artikolu, iz-zewg partijiet jghidu li kien hemm xi forma ta' qerq ghaliex jghidu li maz-zwieg kien hemm bdil kbir fl-attitudni taghhom lejn xulxin u fil-karattru taghhom. Pero' l-fatt li l-partijiet ihossu li kien hemm tali bdil fil-persuna li zzewgu ma jammontax ghal qerq *ai termini* tal-gurisprudenza hawn kwotata. Anzi kollox jidher li fil-fatt bejn il-partijiet kien hemm misinterpretazzjonijiet ta' aspetti tal-karattri rispettivi taghhom u aspettattivi li ma rrealizzawx ruhhom. Fid-dawl ta' nuqqas ta' prova dwar xi element ta' qerq, il-Qorti thoss li m'ghandhiex tkompli telabora fuq dan l-Artikolu ghaliex l-elementi necessarji u msemmija aktar 'il fuq zgur li ma gewx pruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja li taghmel il-partijiet inkapaci milli jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins**

**Matilde**[4] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[5] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

---

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

[5] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, l-partijiet kienu maturi bizzejjed biex jidhlu ghal dan iz-zwieg. L-intimat kellu aktar minn erbghin sena u jikkonferma hu stess kemm minkejja l-fatt li l-attrici kienet erbgha u ghoxrin sena izghar minnu, kienet matura. Mill-provi in atti jirrizulta li l-partijiet riedu jizzewgu u kienu lesti li jaghmlu dan il-pass, anke jekk iz-zwieg sar fi zmien sitt (6) xhur ghaliex jidher li din id-decizjoni ttiehdet bejniethom. Ma hemm ebda prova li l-partijiet ma kienux jafu x'jirrikjedi z-zwieg jew li kien hemm xi forma ta' blokk sabiex iwassalhom biex jaghtu kunsens liberu u validu. Anzi kollox jidher li l-partijiet riedu zwieg u kienu jafu x'inhu zwieg. Il-fatt li l-istess zwieg ma rnexxiex ma jfissirx li kien hemm element ta' nuqqas ta' diskrezzjoni da parti ta' xi wahda jew wiehed mill-partijiet.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[6] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamlet simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Mill-provi migbura jirrizulta bl-aktar mod car li fil-mument tal-kunsens, iz-zewg partijiet kienu konxji mill-fatt li l-intimat ma riedx tfal tant li l-intimat jikkonferma li dahal ghal dan iz-zwieg bl-intiza cara li ma jkunx hemm ulied.

[6] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Fil-fatt in kontro-ezami jiddikjara "***ehe jien ma rridx responsabbilita' ohra tat-tfal, I made it very clear li jekk ahna ha nizzewgu, ahna ha nizzewgu u nghixu felici u kuntenti flimkien sakemm il-Mulej jaghtini l-ghomor***"[7].L-attrici tghid li ma kienitx kuntenta b'din id-decizjoni izda kienet taf dwarha. Il-fatt li ghall-anqas l-intimat ta l-wieghda tieghu lill-attrici u ta l-kunsens tieghu abbazi tal-kondizzjoni li ma jkollhomx ulied, ifisser necessarjament li l-istess intimat eskluda l-prolazzjoni tal-ulied. Din id-decizjoni tidher li kienet wahda determinata tant li l-istess intimat jghid li l-attrici, fiz-zwieg baqghet tittama li jbiddel fehmtu pero' dan baqa' qatt ma sehh.

Il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju qeghda taghmel referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[8] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mill-provi prodotti jidher li hemm provi bizzejjed biex jinghad li kien hemm simulazzjoni da parti tal-intimat fis-sens li fil-mument propizju, huwa eskluda element sostanzjali taz-zwieg, u cioe' l-prolazzjoni tal-ulied.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Att dwar iz-Zwieg.

Bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[7] Ara a fol 68 tal-process
[8] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell